# Qrati ordinarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn

Franza

Franza

F'din it-taqsima tingħata ħarsa ġenerali lejn il-qrati ordinarji fi Franza.

## Il-qrati ordinarji - introduzzjoni

## Il-qrati tal-prim' istanza

### Il-qrati ċivili

1. 1. Il-Qorti Reġjonali (Tribunal de grande instance)

Il-Qorti Reġjonali tiddeċiedi dwar tilwim bejn partijiet privati (kawżi ċivili u kummerċjali) li jikkonċernaw ammonti li jaqbżu l-EUR 10,000.

Barra minn hekk, hija għandha ġurisdizzjoni, ikun xi jkun l-ammont tal-pretensjoni, fl-oqsma li ġejjin:

- Il-liġi tal-familja: żwieġ, filjazzjoni, adozzjoni, dikjarazzjoni li persuna tkun nieqsa (déclarations d'absence);
- Ir-rettifika tal-atti tal-istat ċivili (état civil: twelid, żwieġ, mewt eċċ.);
- Is-suċċessjonijiet;
- Il-multi (amendes civiles) mġarrba mill-uffiċjali tar-reġistru pubbliku (officiers d'état civil);
- Kawżi dwar il-proprjetà biex tiġi stabbilita s-sjieda (pétitoires) u l-pussess (possessoires);
- Kumpensi industrijali (récompenses industrielles);
- L-istralċi tal-assoċjazzjonijiet;
- Is-salvagwardja (sauvegarde), l-irkupru taħt superviżjoni tal-qorti (redressement judiciaire) u l-likwidazzjoni mill-qorti (liquidation judiciare) meta d-debitur la jkun kummerċjant u lanqas ma jkun irreġistrat fir-reġistru tal-kummerċi (répertoire des métiers);
- L-assigurazzjoni kontra l-aċċidenti u l-mard marbuta mal-professjoni ta' persuni li jaħdmu għal rashom fil-qasam tal-agrikoltura;
- Id-drittijiet tar-reġistrazzjoni (droits d'enregistrement), l-imposti fuq ir-reġistrazzjoni tal-art (taxes de publicité foncìere), il-bolla (droits de timbre) u t-taxxi indiretti u taxxi oħra meqjusa bħala ekwivalenti għal dawn il-miżati, imposti jew drittijiet;
- Kirjiet kummerċjali (baux commerciaux) minbarra t-tilwim relatat mal-iffissar tal-prezz tal-kirja fil-każ ta' kirjiet riveduti jew imġedda, kirjiet ta' proprjetà għall-attivitajiet professjonali jew ta' snajja' (baux profesionnels), kif ukoll kuntratti proviżorji għal skopijiet kummerċjali (conventions d'occupation précaire en matière commerciale);
- Kontestazzjoni ta' awtentiċità (inscription en faux) fir-rigward ta' atti awtentiċi (actes authentiques);
- Azzjonijiet ċivili marbuta mal-malafama (diffamation) jew mal-inġurji (injure) pubbliċi jew mhux pubbliċi, verbali jew bil-miktub.
- Tilwim rigward il-pagament, il-garanzija jew ir-rimborż tad-djun ta' kull xorta rkuprati mill-amministrazzjoni doganali u affarijiet oħra konnessi mad-dwana fil-każijiet u l-kundizzjonijiet previsti mill-kodiċi doganali

Il-Qorti Reġjonali hija magħmula minn ġudikanti professjonisti (magistrats): il-President, il-Viċi-Presidenti, il-ġudikanti ordinarji, il-prosekutur pubbliku (procureur de la République), il-Viċi prosekuturi pubbliċi (vice-

procureurs) u l-assistenti prosekuturi pubbliċi (substituts).

Xi wħud minn dawn ikunu ġudikanti speċjalizzati, li jkunu attivi prinċipalment f'kawżi kriminali, bħal:

- il-ġudikant tat-tfal (juge des enfants), li huwa kompetenti biex jieħu miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-minorenni fil-periklu u li jmexxi ġurijiet ta' minuri akkużati b'reati kriminali minuri u intermedjarji (contraventions de cinquième classe  et délits). Fil-qasam kriminali, meta ma jkunx qed jgħaddi l-ġudizzju tiegħu bil-miftuħ, jista' jadotta biss miżuri edukattivi (mesures éducatives); meta jippresiedi l-qorti għat-tfal (tribunal pour enfants), huwa jaqdi r-rwol tiegħu flimkien ma' żewġ assessuri (assesseurs) li ma jkunux ġudikanti professjonisti u l-qorti tista' jew tordna passi edukattivi jew inkella taqta' sentenzi kriminali, skont il-każ.
- Il-ġudikant li responsabbli mill-implimentazzjoni tas-sentenzi (juge de l'application des peins) , li xogħlu huwa li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ewlenin għall-eżekuzzjoni tal-priġunerija; meta jkun hemm każ ta' priġunerija, «»huwa jista' jordna li jittieħdu miżuri li jtaffu l-piena (bħal kollokament fl-estern, libertà parzjali (semi-liberté), libertà kondizzjonali, tqegħid taħt sorveljanza elettronika); f'każ li l-persuna ma tkunx issentenzjata għall-ħabs, il-ġudikant jissorvelja l-implimentazzjoni tas-sentenza, (fil-każ pereżempju ta' priġunerija sospiża jew probation (emprisonnement avec sursis et mise à l'épreuve), xogħol komunitarju (travail d'intérêt général), jew superviżjoni soċjali u ġudizzjarja (suivi socio-judiciaire....);
- il-ġudikant inkwirenti (juge d'instruction) jaqa' taħt is-superviżjoni tal-awla inkwirenti tal-Qorti tal-Appell (chambre de l'instruction de la cour d'appel), huwa inkarigat li jipproċedi għall-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita l-verità; hu jiġbor flimkien l-elementi kollha tal-kawża, kemm jekk ikunu inkriminatorji u kemm jekk skolpatorji; meta jqis li l-investigazzjoni tkun kompluta, huwa jista' jiddikjara li l-każ ma kienx jagħti lok għal proċess (ordonnance de non-lieu) jew jibgħat lill-persuna investigata għal proċess quddiem il-qorti. Il-ġudikanti inkwirenti ma jistgħux jieħdu każijiet fuq inizjattiva tagħhom stess. Jeħtieġ li dan jiġi mqabbad mill-prosekutur pubbliku jew mill-vittma, fil-kuntest ta' lment imressaq dwar att kriminali, flimkien ma' talba għad-danni bħala parti ċivili (constitution de partie civile).

Ġeneralment, il-Qorti Reġjonali jkollha s-sede tagħha fil-belt prinċipali tal-kontea (département) iżda tista' tkun qiegħda wkoll f'postijiet oħrajn. Fl-1 ta' Jannar 2017 kien hemm 164 Qorti Reġjonali.

2. Il-Qorti Distrettwali (Tribunal d'instance)

Il-qorti distrettwali jidhru quddiemha kawżi bejn partijiet privati (kawżi ċivili) fejn l-ammont ma jkunx jeċċedi EUR 10 000 (hija għandha ċerti oqsma esklussivi ta' ġuriżdizzjoni irrispettivament mill-ammont tal-kawża bħal pereżempju kawżi dwar il-konfini tal-proprjetà u t-tkeċċija minn postijiet mikrija.)

Għandha wkoll ċerti kompetenzi ġuridiċi (eż: deċiżjonijiet fejn jidħlu s-salarji dovuti (saisies des rémunérations du travail), kuntratti ta' vitalizju (rentes viagères), problemi marbuta mal-elezzjonijiet, ma' kirjiet ta' bini reżidenzjali (baux d'habitation) u ċerti kompetenzi amministrattivi; pereżempju, d-direttur tar-Reġistru tal-qorti distrettwali (directeur des services de  de greffe judiciaire) għandu l-kompetenza li joħroġ ċertifikati ta' ċittadinanza.

Barra minn hekk, ġudikant tal-Qorti Distrettwali jaqdi l-funzjonijiet tal-ġudikant tal-kustodji, minbarra l-kustodja tal-minorenni li, permezz tal-liġi tat-12 ta' Mejju 2009, issa taqa' taħt ġudikant tal-Qorti Reġjonali inkarigat mill-kawżi tal-familja): huwa responsabbli mill-protezzjoni ta' adulti vulnerabbli b'mod partikolari billi jikkontrolla l-immaniġġjar tal-patrimonju tagħhom.

Il-Qorti Distrettwali hija magħmula minn ġudikant wieħed jew iktar, iżda l-kawżi dejjem jinstemgħu quddiem ġudikant wieħed.

Ġeneralment, il-Qorti Distrettwali jkollha s-sede tagħha fil-belt prinċipali tad-distrett (arrondissement).
Fl-1ta' Jannar 2017, kien hemm 307 Qorti Distrettwali.

3. Il-Qorti għal Talbiet Żgħar u għal Offiżi Żgħar (Tribunal de proximité)

Il-Qorti għal Talbiet Żgħar u għal Offiżi Żgħar jidher quddiemha tilwim ċivili bejn partijiet privati li l-ammont tagħhom ikun inqas minn EUR 4,000.

Fl-1 ta' Lulju 2017, il-qrati għal talbiet żgħar u għal offiżi żgħar ġew aboliti (bil-liġi n°2011-1862 tat-13 ta' Diċembru 2011), u l-kompetenzi tagħhom għaddew għand il-qrati distrettwali.

4. Il- Qorti Kummerċjali (Tribunal de commerce)

Il-Qorti Kummerċjali jidhru quddiema tilwimiet relatati ma' ftehimiet bejn kummerċjanti jew bejn istituzzjonijiet ta' kreditu, jew bejn dawn it-tnejn, kif ukoll tilwimiet relatati ma’ kumpaniji kummerċjali jew ma’ tranżazzjonijiet kummerċjali bejn kull xorta ta’ partijiet. Hi tisma’ wkoll proċeduri relatati ma’ impriżi f’diffikultà.

Il-Qorti Kummerċjali hija magħmula minn ġudikant mhux professjonisti, volontarji, negozjanti jew kapijiet fl-impriżi. Jintgħażlu għal perjodu ta’ sentejn (2) wara l-ewwel darba li jiġu eletti, imbagħad għal erba’ (4) snin wara tmiem l-ewwel perjodu tagħhom fil-kariga, minn kulleġġ elettorali magħmul minn ġudikanti u eks-ġudikanti fil-qrati kummerċjali u delegati minn fost il-kummerċjanti. Dawn tal-aħħar ikunu kummerċjanti jew kapijiet ta’ impriżi magħżula kull ħames (5) snin fil-qasam li jaqa’ taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qorti. Huma għandhom id-dmir li jipparteċipaw, kull sena, fl-elezzjonijiet tal-ġudikanti tal-qrati kummerċjali.

Fl-1 ta’ Jannar 2017 kien hemm 134 qorti kummerċjali fi Franza metropolitana, seba’ (7) taqsimiet kummerċjali fil-kontej (départements) ta’ l-Alsace u l-Moselle, u disa’ (9) qrati mħallta kummerċjali fil-kontej extra-Ewropej (outre mer).

Il-qorti kummerċjali tkun magħmula minn tal-anqas tliet ġudikanti, ħlief fejn ikun hemm dispożizzjonijiet mod ieħor.

L-interessi tas-soċjetà f’dawn il-qrati huma rappreżentati mill-prosekutur pubbliku. Huwa għandu jkun dejjem involut f’kawżi dwar kumpaniji f’diffikultà.

Il-funzjonijiet tar-reġistratur tal-qorti kummerċjali jsiru minn reġistratur, li jkun uffiċjal legali fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku.

5. It-Tribunal għall-Impjiegi (Conseil de prud’hommes)

It-Tribunal għall-Impjiegi għandu l-kompetenza li jisma’ kawżi bejn impjegati u minn iħaddimhom marbuta ma’ kuntratti tax-xogħol (salarji, ħinijiet ta’ xogħol, fastidju, pieni...). Hija entità kollettiva magħmula minn ġudikanti mhux professjonisti li jirrappreżentaw lil min iħaddem u lill-impjegati.

Hija maqsuma f’ħames taqsimiet speċjalizzati (għall-maniġment. il-manifattura, ix-xogħol ta’ distribuzzjoni u s-servizzi kummerċjali, l-agrikoltura u attivitajiet mixxellanji). Fil-każ li l-erba’ ġudikanti li jkunu qegħdin jisimgħu każ jiġu tnejn kontra tnejn, it-Tribunal għall-Impjiegi jiġi ppresedut imbagħad minn imħallef maħtur mill-Qorti Distrettwali, li jkollu l-vot deċiżiv.

Għal kull kontea hemm Tribunal għall-Impjiegi wieħed jew iktar, u jkun hemm mill-anqas wieħed fiż-żona ta’ ġurisdizzjoni ta’ kull Qorti Reġjonal.

B'kollox hemm 210 Tribunal għall-Impjiegi.

Bħala riżultat tat-tiġdid tat-tribunali għall-impjiegi li sar fl-2017, il-membri tiegħu ma għadhomx jiġu eletti iżda maħtura wara proposta mit-trade unions u l-għaqiet ta’ min iħaddem li jkunu l-aktar rappreżentattivi. Huma jinħatru għal mandat ta’ erba’ (4) snin.

6. It-Tribunal għas-Sigurtà Soċjali (TASS) (Tribunal des affaires de la sécurité sociale)

It-Tribunal għas-Sigurtà Soċjali jiddeċiedi dwar tilwim bejn il-fondi tas-sigurtà soċjali (caisses de sécurité sociale) u l-utenti (eż. problemi marbuta mas-sħubija ma' xi fond, ma' allokazzjonijiet jew u mal-għoti ta' benefiċċji eċċ.).

Dan it-Tribunal huwa magħmul minn President li jkun ġudikant Qorti Reġjonali, jew maġistrat onorarju, minn assessur li jirrappreżenta lill-ħaddiema impjegati u minn assessur li jirrappreżenta lil min iħaddem u lil dawk li jaħdmu għal rashom, it-tnejn li huma maħtura għal tliet (3) snin mill-ewwel President tal-Qorti tal-Appell minn lista mfassla għaż-żona li taqa’ taħt il-ġurisdizzjoni tat-tribunal partikolari mid-Direttur Reġjonali taż-Żgħażagħ, tal-Isport u tal-Koeżjoni Soċjali fuq proposta tat-trade unions u tal-għaqdiet ta’ min iħaddem l-aktar l-aktar rappreżentattivi.

B'kollox hemm 114-il Tribunal għas-Sigurtà Soċjali.

7. It-Tribunal għad-Diżabilità - TCI (Tribunal du contentieux de l'incapacité)

It-Tribunal għad-Diżabilità għandu s-setgħa li jiddeċiedi tilwim relatat mal-invalidità jew mad-diżabilità li jaħdem ta' xi detentur tas-sigurtà soċjali, jiġifieri, il-kundizzjoni jew il-grad tad-diżabilità fil-każ ta' mard jew ta' aċċident fuq il-post tax-xogħol jew il-grad tal-invalidità fil-każ ta' mard jew ta' aċċident mhux marbut max-xogħol.

Dan it-Tribunal huwa magħmul minn President li jkun ġudikant onorarju jew xi persuna kompetenti, maħtura b'deċiżjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja, minn assessur li jirrappreżenta lill-ħaddiema u minn assessur li jirrappreżenta lil dawk li jaħdmu għal rashom (it-tnejn li huma jkunu maħtura għal tliet (3) snin mill-ewwel President tal-Qorti tal-Appell, fil-ġurisdizzjoni fejn ikun hemm is-sede tat-Tribunal partikolari, fuq lista stabbilita mid-Direttur Reġjonali taż-Żgħażagħ, tal-Isport u tal-Koeżjoni Soċjali fuq proposta tal-aktar organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi).

B'kollox hemm 26 Tribunal għad-Diżabilità.

Mill-1 ta' Jannar 2019, il-kawżi li jiġu rifetuti għat-TASS u għat-TCI u xi wħud minn dawk li jiġu riferuti lill-kummissjonijiet dipartimentali tal-assistenza soċjali (CDAS) se jkunu trasferiti għat-taqsima soċjali tal-qrati reġjonali. Dawn il-qrati speċjalizzati mbagħad jiġu aboliti.

8. It-It-Tribunal Konġunt għal-Lokazzjonijiet Agrikoli (Tribunal paritaire des baux ruraux)

It-Tribunal Konġunt għal-Lokazzjonijiet Agrikoli huwa kompetenti biex jisma' disputi bejn il-lokaturi u l-prendituri ta' lokazzjonijiet agrikoli relatati mal-patt ta' kiri ta' raba' u mal-patt ta' mezzadrija (fermage et du métayage, aux baux à cheptel, aux baux à domaine congéable, aux baux à complants, aux baux emphytéotiques, aux contrats d'exploitation de terres à vocation pastorale).

Ikun ġudikant mill-Qorti Distrettwali li jippresiedi fuq it-Tribunal Konġunt għal-Lokazzjonijiet Agrikoli. Huwa jkun megħjun minn erba' assessuri mhux professjonisti, eletti mill-pari tagħhom: żewġ (2) lokaturi u żewġ (2) prendituri ta' lokazzjonijiet, eletti għal sitt (6) snin minn fuq listi elettorali stabbiliti mill-prefett (préfet) fuq il-proposta tal-kummissjoni tat-tħejjija tal-listi elettorali.

Bħala riżultat tat-tiġdid tat-Tribunali Konġunti għal-Lokazzjonijiet Agrikoli li sar fl-2018, l-assessuri ma għadhomx jiġu eletti iżda maħtura fuq proposta mill-għaqdiet professjonali li jkunu l-aktar rappreżentattivi. Huma jinħatru għal mandat ta sitt (6) snin.

## Il-Qrati Kriminali

1. Il-Qorti tal-Assiżi (Cour d'Assises)

Il-Qorti tal-Assiżi hija kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar reati kriminali, jiġifieri dwar l-aktar ksur gravi, li kapaċi jkun ikkastigat b'piena ta' bejn għaxar (10) snin priġunerija u priġunerija għall-għomor.

Hemm qorti tal-assiżi f'kull kontea, iżda ma tkunx ikkostitwita b'mod permanenti. Id-dati għall-ftuħ tas-seduti tagħha jiġu stabbiliti skont kif ikun kull darba meħtieġ. Madankollu, din il-qorti tisma' kawżi b'mod kważi permanenti fl-aktar kontej importanti.

Hija magħmula minn tliet (3) ġudikanti professjonisti: il-President (President tal-awla jew ġudikant ordinarju tal-Qorti tal-Appell), u żewġ (2) assessuri (ġudikanti ordinarji tal-Qorti tal-Appell jew ġudikanti tal-Qorti Reġjonali tal-kontea fejn ikun qed isir is-smigħ), flimkien ma' ġurija (sitt ċittadini li jittellgħu bix-xorti). Hija tisma' wkoll kawżi dwar reati kriminali minn minorenni, u f'dak il-każ tkun tissejjaħ il-Qorti tal-Assiżi tal-Minorenni (cour d'assises des mineurs). F'dawn il-każijiet, l-assessuri jkunu ġudikanti tal-qorti tat-tfal.

Ċerti reati li jkunu relatati mal-leġiżlazzjoni dwar it-terroriżmu jew il-militar, jew li jkunu relatati mat-traffikar tad-droga jinstemgħu minn qorti tal-assiżi magħmula esklussivament minn ġudikanti professjonisti.

Il-prosekutur pubbliku huwa rrappreżentat minn Avukat Ġenerali.

2. Il-Qorti Kriminali (Tribunal correctionnel)

Din il-qorti hija kompetenti biex tiddeċiedi dwar id-delitti (délits), jiġifieri, il-ksur li bil-liġi jiġi kkastigat b'massimu

ta' għaxar (10) snin priġunerija jew b’multa ta’ EUR 3750 jew aktar. Hija tikkostitwixxi taqsima tal-qorti reġjonali. Fil-prinċipju, hija magħmula minn tliet ġudikanti professjonisti, ħlief fejn ikun hemm dispożizzjoni biex xi każijiet jidhru quddiem ġudikanti wieħed waħdu.

Il-prosekutur pubbliku huwa rrappreżentat mill-Prokuratur tar-Repubblika jew minn wieħed mis-sostituti tiegħu.

3. Il-Qorti tal-Pulizija (Tribunal de police)

Sal-1 ta’ Lulju 2017, din il-qorti kellha ġurisdizzjoni fuq kontravenzjonijiet tal-ħames klassi (contraventions de cinquième classe), kellha s-sede fil-qorti distrettwali u kienet preseduta minn ġudikant wieħed li kien ikun ġudikant fil-qorti distrettwali. Minn dik id-data, hija għandha ġurisdizzjoni fuq ir-reati kollha, għandha s-sede fil-qorti reġjonali u hija magħmula minn ġudikant f’dik il-qorti.

Il-prosekutur pubbliku huwa rrappreżentat mill-Prokuratur tar-Repubblika jew minn wieħed mis-sostituti tiegħu.

4. Il-Qorti għal Talbiet Żgħar u għal Offiżi Żgħar (Tribunal de proximité)

Sal-1 ta’ Lulju 2017 hija kienet kompetenti biex tieħu deċiżjonijiet dwar kontravenzjonijiet tal-ewwel u tar-raba' klassi (contraventions de la première à la quatrième classe). Is-sede tagħha kienet tkun fil-Qorti Distrettwali. Kienet tkun ippresjeduta minn ġudikant tal-qorti lokali, li kien jisma’ l-każijiet waħdu.

Il-funzjoni tal-prosekutur pubbliku ġeneralment kienet titwettaq minn Kummissarju tal-pulizija. Mill-1 ta’ Lulju 2017, hija ġiet abolita, u l-kompetenzi tagħha ġew trasferiti lill-qorti tal-pulizija li min-naħa tagħha ġiet magħquda mal-qorti reġjonali, minn dik id-data ’l quddiem.

5. Il-Qrati Speċjalizzati

Hemm ukoll qrati speċjalizzati f'ċerti materji kriminali, bħall-Qrati Marittimi Kummerċjali (tribunaux maritimes commerciaux), li preżentament hemm sitta (6) minnhom u li huma kompetenti biex jiddeċiedu dwar ċerti delitti ta' natura marittima.

Il-Qrati tat-Tieni Istanza

Il-Qorti tal-Appel (cours d'appel) tisma’ kawżi ta’ appelli biex terrġa’ tiddeċiedi de jure jew de facto dwar il-kawżi li jkunu diġà ġew iġġudikati mill-qrati tal-prim’istanza.

Hija magħmula esklussivament minn ġudikanti professjonsti: l-ewwel President (premier président), il-Presidenti tal-awli (présidents de chambre) u minn ġudikanti ordinarji tal-Qorti tal-Appell (conseillers) (minbarra fil-każ tal-Qorti tal-Appell tal-Assiżi, ara hawn fuq).

Kull qorti hija maqsuma f’numru varjabbli ta’ awli li wħud minnhom huma speċjalizzati (affarijiet ċivili, soċjali, kummerċjali u penali)

L-appell kontra sentenzi ta’ qorti tal-assiżi jinstemgħu quddiem qorti tal-appell tal-assiżi li l-membri tagħha jinħatru mit-taqsima kriminali tal-Qorti ta’ Kassazzjoni. Il-Qorti tal-Appell tal-Assiżi hi magħmula minn disa’ (9) ġurati.

Il-Qorti Nazzjonali għad-Diżabilità u għall-iffissar tal-primjums tal-assigurazzjoni għall-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol hija l-qorti tal-appell f’sentenzi tat-Tribunali għad-Diżabilità. Quddiemha jitilgħu wkoll kawżi, kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni istanza, marbuta ma’ tilwim dwar ir-rati ta’ assikurazzjoni fil-każ ta’ aċċidenti fuq il-post tax-xogħol. Il-prosekutur pubbliku huwa rrappreżentat mill-prosekutur pubbliku prinċipali (procureur général) jew minn assistent prosekutur pubbliku ewlieni (substitut général).

Mill-1 ta’ Jannar 2019, din il-qorti wkoll se tkun abolita.

## Il-Qorti tal-Kassazzjoni

Il-Qorti tal-Kassazzjoni (Cour de cassation) hija l-ogħla qorti fl-istruttura ġuridika ordinarja. Is-sede tagħha tinsab f’Pariġi. Ir-rwol tagħha huwa li tivverifika l-konformità tas-sentenzi tal-Qrati u tat-Tribunali man-normi ġuridiċi, lil hinn minn kwalunkwe valutazzjoni ġdida tal-fatti. Għalhekk, hi ma tikkostitwixxix qorti tat-terza istanza iżda

tiżgura li l-każistika tkun unifikata, filwaqt li taġixxi ta' korp regolatorju tad-dritt u tar-rispett lejn il-legalità.

Din il-qorti jista’ jkollha quddiemha każijiet li jiġu riferuti lilha għall-«“opinjoni tagħha”» minn qrati oħra biex tinkiseb opinjoni dwar xi punt ġdid tal-liġi li jkun ta’ diffikultà serja u li jitqajjem f’diversi tilwimiet.

Fil-Qorti tal-Kassazzjoni jinqatgħu sentenzi b’reazzjoni għal appell fuq punti ta’ liġi (pourvoi en cassation) li jitressaq minn parti li tkun suġġetta ta’ sentenza ta’ qorti, jew mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku..

Fil-Qorti tal-Kassazzjoni jinqatgħu sentenzi b’reazzjoni għal appell fuq punti ta’ liġi (pourvoi en cassation) li jitressaq minn parti li tkun suġġetta ta’ sentenza ta’ qorti, jew mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku..

Jekk il-qorti tqis li s-sentenza kkontestata ma tkunx ittieħdet f’konformità man-normi ġuridiċi, hija «tħassar» is-sentenza(casse la décision). B’hekk, il-kawża terġa' tintbagħat quddiem qorti oħra biex tiġi ġġudikata mill-ġdid.

Fil-każ kuntrarju, hija tirrifjuta l-appell, u dan iwassal biex is-sentenza kkontestata tkun dik finali.

F’każijiet eċċezzjonali, tista’ tħassar is-sentenza iżda mingħajr ma terġa’ tibgħatha biex tiġi ġġudikata mill-ġdid meta t-tħassir tas-sentenza ma jkunx jirrekjedi li jkollha terġa’ tiġi kkunsidrata s-sustanza tal-kawża. Hija tista’ wkoll terġa’ tikkunsidra s-sustanza ta’ xi kawża ċivili meta dan ikun ġustifikat fl-interessi tal-amministrazzjoni kif imiss tal-ġustizzja u, f’kawżi kriminali, tħassar sentenza mingħajt ma tirreferiha għal proċess ġdid u tiddeċiedi hija stess il-kawża, jekk tkun tista’ tapplika l-ġurisprudenza t-tajba fid-dawl tal-fatti kif stabbiliti mill-qorti li quddiemha tkun instemgħet il-kawża l-ewwel darba.

Il-Qorti tal-Kassazzjoni hija maqsuma f'awli (chambres) (tliet awli ċivili, waħda kummerċjali, waħda soċjali u waħda kriminali). Kull waħda minn dawn hija magħmula minn ġudikant professjonisti u minn ġudikanti professjonali oħra. Skont in-natura tal-kawża, din il-qorti tista’ wkoll tkun ikkostitwita bħala awla mħallta (chambre mixte), jiġifieri awla magħmula minn ġudikanti li jappartjenu għal mill-inqas tliet awli, jew bħala assemblea plenarja (bl-ewwel President, il-President kif ukoll l-aktar membru anzja ta’ kull awla, flimkien ma’ ġudikant ordinarju minn kull awla).

Il-prosekutur pubbliku huwa rrappreżentat mill-prosekutur pubbliku prinċipali i u minn Avukati Ġenerali.

## Id-databases ġuridiċi

Id-databases ġuridiċi fi Franza huma koperti minn servizz pubbliku ta’ disseminazzjoni fuq l-internet. Is-sit webLégifrance jinkludi fih is-sentenzi tal-Qorti tal-Kassazzjoni kif ukoll tal-Qorti tal-Appell:

- fuq id-database «CASS» għas-sentenzi tal-Qorti tal-Kassazzjoni ppubblikati,
- fuq id-database «INCA» għas-sentenzi mhux ippubblikati, u
- fuq id-database «CAPP» għas-sentenzi tal-qrati tal-appell.

## L-aċċess għad-databases huwa bla ħlas?

Iva l-aċċess għall-bank huwa bla ħlas.

Deskrizzjoni fil-qosor tal-kontenut

Is-sentenzi huma disponibbli bil-Franċiż u xi sentenzi huma tradotti wkoll bl-Ingliż, bl-Għarbi u bil-Mandarin.

- Id-database «CASS» fiha 120 000 sentenza u għandha fluss annwali ta’ 2 100 sentenza.
- Id-database «INCA» fiha 246 000 sentenza u għandha fluss annwali ta’ 10 000 sentenza.
- Id-database «CAPP» fiha 19 000 sentenza u għandha fluss annwali ta’ 20 000 sentenza.

### Links relatati

Il-ġurisdizzjoni tal-qrati - Franza

---

L-aħħar aġġornament: 15/04/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.